**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Eman Hayman**

**vs**

**Omar Djelassi**

**Kumpilazzjoni numru 387/2020**

**Illum 2 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat lil Omar Djelassi iben Noureddine u Maria Concetta u li għandu l-karta tal-identità bin-numru 99097M imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Marzu 1997 u joqgħod ġewwa Blk 1B, Flat 6, San Gwann T'Ghuxa, Bormla;

Akkużat talli nhar l-10 t'Awwissu 2020 u fis-sieghat u/jew fil-granet ta' qabel ġewwa l-Isla u diversi positijiet ġewwa dawn il-gzejjer

1. Ikkaguna lill-ex siehba tieghu Jessica Zammit ID 172693M li tiġi wkoll omm it-tifla tieghu Rayah biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha;
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jgieghel lil Jessica Zammit (ID 172693M) taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Jessica Zammit (ID 172693M)
4. ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè rikors ghal ftuh tal-Qorti (dok EH1), kunsens tal-Avukat ġenerali (dok EH2), ċertifikat tat-twelid (dok EH3), rapporti tal-pulizija (dok EH4 sa dok EH6), mandat t'arrest (dok EH7), rikors immarkat dok EH8, vera kopji ta' sentenzi immarkati dok EH9 sa dok EH11, dokument bil-messaggi minn dok JP1 sa dok JP4, dokument JZ1, risk assessment report (dok JP5), messaġġi (dok JP6), dokument AA1, dokument EH1 u EH2;

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioè lil Jessica Zammit, l-ispettur Joanna Piscopo, l-ispettur Eman Hayman, Annamarie Abela u Mary Coleiro;

**Ikkunsidrat**

**Spettur Joanna Piscopo** xehdet u esebieti erba' rapporti li saru minn Jessica Zammit li gew immarkati bhala dok JP1 sa dok JP4 li kienu saru bejn l-4 t'Awwissu 2020 u l-10 t'Awwissu 2020. Gie esebieti ukoll risk assessment li sar minn naha tal-Appogg fil-5 t'Awwissu 2020. Fl-istess waqt esebieti ukoll diversi messaġġi li nbaghtu mill-imputat lil Jessica Zammit iżda ma kienx hemm dati meta sehhew.

**Jessica Zammit** xehdet fejn qalet li hija kellha relazzjoni mal-imputat u anki kellhom tifla li ghandha erba' snin. Gara li fl-1 t'Awwissu t-tifla taghhom kellha l-birthday u tellghet ritratt fuq facebook fejn it-tifla kellha flok miktub fuqhu 'mummy of the birthday girl' waqt li l-partner taghha bhala stepdad. Gara li fl-4 t'Awwissu irċeviet messaġġ fuq facebook minn ghand l-imputat sabiex tnehhi r-ritratt li kien hemm fuq facebook. Wara li nehhiet ir-ritratt minn fuq facebook baqa' jibghatilha diversi messaġġi ta' theddid fil-konfront taghha li kien se jiġi ghaliha[1]. Gara li s-sena ta' qabel ukoll kien baghat diversi messaġġi ta' theddid u anki kien hemm hsarat fuq żewġ karozzi kemm ta' omma u ta' missiera. L-messaggi bdew mill-4 t'Awwissu 2020 u fil-fatt hija bdiet taqra minn dawk li hija rċeviet fl-4 t'Awwissu 2020. Fil-fatt kien hemm diversi messaġġi ta' theddid li saru anki fi granet wara l-4 t'Awwissu li baqghu hekk sal-10 t'Awwissu 2020. Hija ghamlet rapport fuq il-messaggi li bdiet tirċievi mill-4 t'Awwissu u kompliet taghmel dan sal-10 t'Awwissu 2020. Hija esebieti il-messaggi li hija qrat u gew immarkati bhala dok JZ1. Hija kkonfermat li meta bdiet tirċievi dsawn il-messaggi holqu hafna biża fiha fejn anki tahseb li hemm xi hadd il-hin kollu warajha jew inkella ghamel xi haġa mal-karozza taghha. Ghalkemm fuq il-messaggi kien hemm l-isem ta' Mary li tiġi omm l-imputat, fuq l-ewwel messaġġ hareg li kien hemm miktub li hu Omar u cioe' l-imputat.

In kontro-ezami qalet li hi bdiet tassumi li kien l-imputat ghax kien hemm miktub ismu fuq ic-chats li nbghatu lilha. Illi gara li skont hi minhabba li fil-messaggi kien hemm

[1] Fil-fatt minn messaġġ li hija qrat waqt ix-xhieda taghha hareg car li huwa beda jheddida li din id-darba kienet se tkun wahda kbira li kien se jkun hemm aktar inkwiet aktar mis-sena ta' qabel. Illi matul ix-xhieda taghha qrat diversi messaġġi ta' theddid li huwa kiteb kemm fil-konfront taghha kif ukoll fuq i-partner taghha.

referenza ghal fatt fuq li kien gara s-sena ta' qabel fejn hemm imniżżel *thallinix nerga' nghamel dak li ghamilt.*

**Annamarie Abela** xehdet in rappreżentanza ta' Melita Limited fejn qalet li n-numru tal-mobile u l-call profile mis-7 t'Awwissu 2020 kien ta' Jessica Zammit. Id-dokuemt gie mmarkat bhala dok AA1.

**L-ispettur Eman Hayman** xehed fejn qal li huwa kien gie infurmat fuq sensiela ta' rapporti li saru minn Jessica Zammit fuq messaġġi li bdew jinbghatu fuq il-facebook taghha allegatament mill-imputat. L-ewwel rapport dahal minhabba ritratt li kienet poġġiet Jessica Zammit minhabba li kien jidher il-partner taghha flimkien ma' bint l-imputat meta kellha l-birthday. Kompla jghid li Jessica zammit kienet ghamlet rapport iehor minhabba telefonata ta' theddid li rċeviet u anki messaġġi minn fuq facebook. Ghalkemm l-imputat kien gie mitkellem sabiex jieqaf jibghat il-messaggi gara li xorta wahda baqghu dehlien il-messaggi wara d-data tar-rapport li kien sar. Il-verzjoni tal-imputat ittiehdet u tinsab fir-rapport li gew esebieti min fol 7 et seq tal-process. Illi wkoll ikkonferma diversi sentenzi li gew esebieti fil-konfront tal-imputat. Illi skont l-istess spettur kien ċert li l-messaggi gejjin mill-imputat u nbghatu minn profile fuq facebook bl-isem ta' Mary. Il-persuna li bdiet tibghat dawn il-messaggi beda juża l-isem ta' Omar. Gew esebieti diversi messaġġi mehuda minn fuq facebook li jinsabu a fol 111 et seq.

**Jessica Zammit** ikkonfermat li l-messaggi li jinsabu a fol 111 huma l-istess li hija kienet xehdet fuqhom.

**Mary Coleiro** xehdet u qalet li hija tiġi omm l-imputat fejn ikkonfermat li kienet Jessica Zammit li ghamlet il-profile tal-facebook taghha u anki l-password.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta l-kwerelanta ghamlet diversi rapporti mal-Pulizija li hija kienet irċeviet diversi messaġġi minn fuq il-facebook b'theddid fil-konfront taghha li skont hi kien l-imputat. Illi mid-diversi messaġġi li hargu minn fuq il-facebook jidhru li saru minn fuq accounts bl-isem ta' Mary. Illi dawn il-messaggi bdew wara li Jessica Zammit poġġiet ritratt tat-tifla taghha fejn fih kien jidher il-partner taghha li huwa l-istep dad ta' bintu. Illi skont l-istess Jessica Zammit dawn il-messaggi kienu mibghuta mill-imputat fejn kien hemm diversi theddid fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-

Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk trid tifli l-provi kollha mressqa quddiema sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le.

**Ikkunsidrat**

Provi

Illi l-prosekuzzjoni esebietі diversi rapport li saru mill-kwerelanta Jessica Zammit li jinsabu a fol 7 et seq tal-process. Illi l-ewwel rapport igieb id-data tal-10 t'Awwissu 2020 (dok EH4), rapport iehor a fol 8 li sar fit-8 t'Awwissu 2020, kif ukoll dok EH 5 li sehh fis-6 t'Awwissu 2020. Waqt li r-rapport li hemm esebieti a fol 14 m'ghandu x'jaqsam xejn mar-rapporti ta' Jessica Zammit u ghalhekk qieghed jigi injorat. Illi hareg ukoll li kien sar rapport maghmul mill-istess Jessica Zammit nhar is-6 t'Awwissu 2020 liema rapport kien gie mehud minn WPS 210 Tania Mangion. Illi pero' mill-atti ma jirrizultax li fil-fatt l-istess WPS 210 Tania Mangion xehdet permezz ta' affidavit jew inkella *viva voce* f'dawn i-proceduri. Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccata b'rapport li sar izda ma gie ikkonfermat minn hadd x'seta qal l-istess imputat. Illi anki mill-istess xhieda tal-ufficjal prosekutur ghalkemm qal li kien cert li l-messaggi kienu maghmula mill-istess imputat, prova ta' dan il-fatt ma tresqitx.

Illi jinghad ukoll li l-messaggi hargu minn profile ta' certu Mary illi pero' prova min seta kienet din Mary ma tresqitx f'dawn il-proceduri. Illi ghalkemm skont l-istess rapport li seta' kien hemm xi telefonati lanqas hawn ma tresqet prova wahda li tindika li l-imputat ghamel xi telefonati lejn il-mobile tal-kwerelanta. Huwa minnhu bla dubju li kien hemm skambju ta' messaggi izda din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq rapport li ma kkonfermah minn hadd min kitbu u lanqas prova ma ngiebet li kien l-imputat li baghat messaggi minn gewwa Facebook. Ghalkemm kien hemm tentattiv min-naha tal-prosekuzzjoni li tipprova iggieb il-prova tal-account tal-facebook pero' jidher li rega' kellha hsieb differenti milli taghmel dan tant li ghalqet il-provi u lanqas ma gabet din il-prova. Lanqas jista' jinghad li dak il-profile kien uzat mill-imputat u ghalkemm hareg li omm l-imputat iggieb l-istess isem ma jistax jinghad li kien l-imputat li li ghamel dan. Illi ghalhekk il-Qorti tara li ma ngiebet ebda prova li turi li kien l-imputat li baghat dawn il-messaggi fejn il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova.

**Ikkunsidrat**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 251B, 251H, 339 (1)(d), 339(1)(e), 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet u ghaldaqstant kif dettot kontra tieghu tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**